MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1437/2003

**Saviour Camilleri**

**vs**

**Saviour Mifsud Bonnici**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Lulju, 2003 fejn intqal illi l-attur fuq talba tal-konvenut kien ghamel xoghol ta' interior design fir-residenza privata tal-konvenut u fil-hanut tal-konvenut li jinsab f'B'Kara bl-isem "Fantasia Toy & Model Shop".**

**Illi rigward dan ix-xoghol il-konvenut ghandu jhallas bilanc ta' sitt mija u tlett liri u hamsa u sebghin centezmu (Lm603.75c).**
**Illi l-konvenut minkejja li gie diversi drabi nterpellat sabiex ihallas baqa' nadempjenti.**

**Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fit-12 ta' Settembru, 2003 fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont mitlub huwa ezagerat.**
**Bl-ispejjez kontra l-attur.**

**Semgha x-xhieda ta' Saviour Camilleri, Saviour Mifsud Bonnici. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lill-avukati tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. L-attur qed jitlob hlas ghal xoghol ta' interior designing u applikazzjonijiet ma' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar li saru rigwardanti r-residenza tal-konvenut The Orchid, Flat 12, Triq it-Tamal, St Julians u l-hanut Funtasia Toy & Model Shop, Triq B'Kara kantuniera ma' Triq il-Korvu, San Gwann. Il-konvenut da parti tieghu qed ighid li l-ammont hu esagerat.**
**2. Skond l-attur hu kien qabbad lill-perit Johann Farrugia biex jiehu hsieb l-applikazzjonijiet ma' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Skond l-attur hu mexa fuq il-pjanti li tah il-konvenut. Qal ukoll illi l-kont tieghu kien ibbazat fuq it-tariffa normali u dana skond id-dokument a fol 25 tal-process. It-Tribunal jirrileva illi dana d-design service agreement qatt ma gie ffirmat, pero' fih hemm referenza ghar-rati skond kemm jiswa l-progett. Skond l-attur ukoll kienu saru diversi laqghat mal-konvenut. Hu kien ghamillu pjanti ta' dak ezistenti u ta' dak illi kien qed jigi propost. L-attur esebixxa dawn il-pjanti li jinsabu a fol 17 sa 33 tal-process.**
**3. Kien l-attur illi hallas lill-Perit Johann Farrugia u hallsu mija hamsa u ghoxrin lira (Lm125.00) ghall-applikazzjoni ghax-xogholijiet dwar il-hanut u mija u hamsin lira (Lm150.00) ghall-applikazzjoni ghax-xogholijiet tar-residenza u dana skond ma jirrizulta wkoll mid-Dok a fol 15 tal-process.**
**4. Il-Perit Johann Farrugia jikkonferma li kien imqabbad mill-attur u kien ghamel l-applikazzjonijiet relattivi ma' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, sija ghall-hanut u**

**sija ghar-residenza u dawn l-applikazzjonijiet kienu ffirmati mill-konvenut. Il-Perit innota illi dwar Funtasia kien applika ghal-DNO, filwaqt li ghar-residenza kien applika ghal full development.**

**5. Il-konvenut Saviour Mifsud Bonnici jghid li kellu laqgha wahda ma' l-attur. Ighid illi ghall-applikazzjonijiet ma' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ghal hanut kien qabbad lill-Perit Godwin Zammit. Hu ried applikazzjoni semplici biex ikun jista' jaqsam il-hanut fi tnejn. Dwar ir-residenza l-konvenut ighid illi l-attur mar darbtejn u kejjel. Il-konvenut jikkonferma illi l-applikazzjoni ghar-residenza saret mill-perit imqabbad mill-attur.**

**6. L-applikazzjoni 2521/02 kienet saret mill-attur pero' waqghet. Kienet saret applikazzjoni ohra li ggib in-numru 3184/02 li saret mill-Perit Godwin Zammit. Kienet saret ukoll l-applikazzjoni 2269/02 rigward ir-residenza li saret mill-Perit Farrugia.**

**7. Tenut kont ta' dan kollu jirrizulta illi l-applikazzjonijiet fil-fatt saru u l-flus gew sborsati mill-attur, u dan relattivament ghall-applikazzjonijietipprezentati mill-Perit Farrugia. Dawn l-applikazzjonijiet kienu qeghdin isiru in konnessjoni max-xoghol li ghalih inkarigah il-konvenut u konsegwentement dan l-ammont imhallas lill-perit f'total ta' mitejn u hamsa u sebghin lira (Lm275.00) ghandu jigi rifuz lill-attur.**

**8. Apparti minn dan l-ammont l-attur qed jinkludi l-hlas ghall-interior design kif gia ssemma. Mid-dokumenti esebiti jirrizulta ampjament illi fil-fatt l-attur ghamel hafna xoghol rigwardanti d-disinni, ghamel xi laqghat, kif ukoll kien ha l-qisien biex jaghmel id-disinni msemmija. Ma jidhirx illi hemm qbil dwar in-numru ta' laqghat li saru, pero' ghalkemm ma hemmx breakdown dwar kif inhu dovut l-ammont, kif sewwa rrimarka l-abbli difensur tal-konvenut, jidher illi l-attur ikkalkola dan l-ammont a bazi tal-rati fid-design service agreement.**

**9. Ma jirrizultax illi l-konvenut qatt kien notifikat b'dawn ir-rati u jkun ingust illi wiehed jigi rinfaccjat b'kont meta b'kont ta' certu entita' meta lanqas ma jkun hemm qbil dwar ir-rati. Ghalhekk tenut kont illi**

jekk wiehed iwarrab l-ispejjez tal-perit gia msemmija jibqa' li ghad hemm bilanc ta' tlett mija tmienja u ghoxrin lira u hamsa u sebghin centezmi (Lm328.75). Tenut kont ta' dan it-Tribunal *arbitrio boni viri* qed jistabilixxi l-ammont ta' mija u hamsa u ghoxrin lira (Lm125.00) bhala dovuti lill-attur ghax-xoghol ta' *interior design* u laqghat maghmula u dana apparti l-ammonti msemmija dovuti ghal hlasijiet li saru lill-Perit Farrugia.

10. Ghalhekk it-total li jigi dovut mill-konvenut lill-attur huwa ta' erba' mitt lira (Lm400.00). In kwantu ghal mija u hamsa u ghoxrin lira (Lm125.00) ghal hlas tal-perit fuq l-applikazzjoni tal-hanut, in kwantu ghal mija u hamsin lira (Lm150.00) ghall-applikazzjoni fuq ir-residenza u mija u hamsa u ghoxrin lira (Lm125.00) inkluz it-taxxa fuq il-valur mizjud ghax-xoghol li ghamel l-attur dwar interior design.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' erba' mitt lira (Lm400.00) u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' erba' mitt lira (Lm400.00). Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------